**7 ta' Jannar, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri LL.D.**

Nutar Dr. John Spiteri Maempel

*versus*

Konrad Volmann et.

**Danni — Serq — Kontumaċja.**

*F'din il-każ il-Qorti allavolja il-konvenuti huma kontumaċi, ħasset il-ħtieġa li tidħol f'eżami kemm jista jkun dettaljat tal-fatti li taw lok għal din il-kawża, għaliex il-pretenzjoni dedotta mill-attur hija bażata fuq kawżali ta' serq.*

*Il-ħsara kaġunata mill-konvenuti fil-post tal-attur hija intimament konnessa mas-serq, u għalhekk hija minnu ripetibbli in forma ta' danni.*

Il-Qorti; — Rat l-atti taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, peress illi fil-lejl bejn il-25 u 26 ta' Frar, 1963 il-konvenuti dolożament serqu min għand l-instanti s-somma ta' ħamsa u għoxrin lira (£25) fi flus kontanti, sittin lira (£60) f'valur ta' bolli lokali mill-uffiċju tiegħu f'No. 171, Old Bakery Street, Valletta u għal dan l-iskop sgassaw l-iskrivanija tal-instanti u ikkaġunawlhu ħsara ammontanti għall-ħames liri (£5); u peress illi l-konvenuti naqsu milli jirrestitwixxu l-flus li serqu u jħallsu għad-danni li kkaġunaw ħaġa li huma tenuti solidalment flimkien li jagħmlu; wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet neċessarji u jittieħdu l-provvedimenti opportuni — talab li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li il-konvenuti huma solidalment responsabili għar-restituzjoni tas-somma ta' ħamsa u tmenin lira (£85) għal flus u bolli misruqa minnhom anke jekk hemm bżonn in linea ta' danni u għad-danni ta' ħames liri (£5) kaġunati fl-isgass tal-iskrivanija u dana għar-raġunijiet premessi u tikkundanahom solidalment li jħallsu lill-instanti s-somma ta' disgħin lira (£90) għall-flus, bolli u danni kif superjorment dettaljat, bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-14 ta' Awissu, 1963, u bl-imgħaxijiet tas-6 fil-mija miss-26 ta' Frar, 1963, sad-data tal-pagament effettiv.

Rat . . . omissis . . .

Rat li ċ-ċitazjoni ġiet notifikata lill-konvenuti, u li dawna ma wieġbux għaliha;

Ikkunsidrat:

Rat . . . omissis . . .

Li, qabel xejn, dina il-Qorti, allavolja l-konvenuti huma kontumaċi, ħasset il-ħtieġa li tidħol f'eżami kemm jista ikun dettaljat tal-fatti li taw lok għal dina l-kawża għaliex il-pretensioni dedotta mill-attur hija bażata fuq kawżali ta' serq.

Ikkunsidrat:

Li il-konvenuti f'ebda mument ma jirriżulta li huma ammettew espliċitament li kienu l-awturi tas-serq lamentat mill-attur; iżda dina l-Qorti mill-kumulu tal-indiżji u taċ-ċirkustanzi kollha li sejrin jiġu indikati aktar l-isfel, waslet għall konklużjoni li ħadd ma seta' kien, ħlief il-konvenuti, li asportaw mill-uffiċju notarili tal-attur, il-flus u il-bolli minnu reklamati.

Ikkunsidrat:

Li mix-xiehda u mid-dokumenti akkwiżiti mal-proċess irriżulta:

(a) Li l-attur kien ra lill-konvenuti deħlin sal entrata tal-post fejn hemm l-uffiċju tiegħu u malli rawh ħiereġ ħarġu u baqgħu jistennew quddiem il-bieb; dana ġara lejliet il-fatt tas-serq, jiġifieri fis-26 ta' Frar, 1963;

(b) Li ħames ijiem qabel, iġifieri fil-21 ta' Frar, 1963, f'xi 7 p.m. l-attur kien ra lill-konvenuti ħerġin mil-post fejn hemm l-uffiċju tiegħu pero', kif rawh, reġgħu niżlu l-isfel.

(c) Li mix-xiehda tal-Ispettur tal-Pulizija Harold Drury, irrizulta li fil-kors tal-investigazjoni ta' dan u serq ieħor li għalihom kienu indizjati l-konvenuti, kien sab fil-

boot *tal-karrożża taghhom* envelopes *ġodda* u *kwantita'* ta' bolli li jidhru deskritti dettaljatament fid-dokument B.

(d) Mid-deposizzjoni tal-Ispettur tal-Puluzija Joseph M. Spiteri irriżulta li l-konvenuti kienu stqarru li ma jafux minghand *min* xtraw *il-bolli li ġew* elevati *mill-poter* taghhom ghall-fini tal-proċeduri Kriminali, u li kienu xtraw dik il-kwantita' kollha bil-prezz ta' lira; liema prezz huwa irrisorju meta wiehed jikkunsidra l-valur wisq superjuri tal-valur globali taghhom; m'ghandhux jintnesa li l-maġġjor parti ta' dawna l-bolli kienu ġodda.

(e) Li fost dawn il-bolli kien hemm wahda tal-valur ta' żewġ soldi sofra, li hija sovrastampata "self Government 1947" bl-iswed. Dina l-bolla kienet immarkata bi traċċi sued tal-linka, u tidher li kienet tifforma parti ta' dokument u *li* dawk *il-marki* kienu *jistendu ruhhom fuq* superfiċi ohra.

(f) Li mix-xiehda tal-attur jirriżulta li dina il-bolla kienet tieghu u li kien qalaghha min fuq dokument, biex iwahhal min flokka ohra ta' emissjoni aktar reċenti; dina il bolla instabet fil-poter tal-konvenuti.

(g) Li il-konvenuti ma ġiebu il quddiem ebda opposizjoni ghat talba u ghal provi prodotti mill-attur.

(h) Li skond sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-Maesta' Tar-Reġina fis-26 ta' Lulju, 1963 in re "Il Maesta' Taghha r-Reġina vs. Konrad Vollmann u Wolf-

gang Brotzmann" il-konvenuti ġew misjuba ħatja tas-serq in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Li l-ħsara kaġunata mill-konvenuti fil-post tal-attur, hija intimament konessa mas-serq, u għalhekk hija minnu ripetibbli in forma ta' danni, li għalihom għandnhom jirrispondu l-konvenuti, liema pretensjoni tidher ukoll ġiustifikata;

Għal dawn l-motivi;

Tiddeċiedi billi tilqa t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra il-konvenuti, b'dana, pero' li jekk l-attur, susseg-wentement jirnexxilu jirtira mir-Reġistru tal-Qorti Kriminali l-bolli, jew parti minnhom, indikati fil-lista esibita, dina s-sentenza tibqa esegwibbli, għal dak li jirrigwarda l-bolli, fuq id-differenza tal-valur tagħhom li ikun għadu dovut lill-attur a tenur tal-import kanonizzat f'dina s-sentenza, u tibqa integra għall-kumplament.